**30 ta' Ġunju, 1962.**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Zammit

**Traffiku — Sospensjoni tal-Liċenza tas-Sewqan — "Third Party Risks" — Piena — "Special Reasons" — Art. 19 tal-Kap. 105.**

*Il-liġi dwar ir-regolament tat-traffiku, għall-każ ta' min isuq vettura tal-mutur meta l-liċenza tiegħu tas-sewqan hija sospiża, tagħti lill-Qorti l-fakoltà li, minflok piena restrittiva tal-libertà personali, tinfliġġilu piena pekunjarja; iżda din id-diskrezzjoni tal-Qorti mhix assoluta; din id-diskrezzjoni bejn l-alternattiva tal-priġunerija u dik tal-multa hija limitata, fis-sens li l-Qorti tista' tagħti multa biss fil-każ delineat mill-istess liġi, ċjoè fil-każ illi l-Qorti, avut rigward għaċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ, jidhrilha illi piena pekunjarja tkun punizzjoni adegwata għar-reat. U għalhekk ikun kompitu tal-Qorti li tara jekk fil-każ partikulari jirrikorrux dawk ir-raġunijiet speċjali.*

*Dawn il-kliem ("special reasons"), però, għandhom jiġu nterpretati bħala li jfissru raġunijiet speċjali għar-reat, u mhux għall-ħati. Hekk, ir-raġuni li d-driver saq il-vettura bil-liċenza tiegħu sospiża għax is-sewqan huwa ħobżu u ħobż il-familja tiegħu, jew ir-raġuni illi piena restrittiva tal-libertà personali tfixklu fil-pratiki li hu beda biex ifittex li jemigra, mhumiex raġunijiet li jiġġustifikaw lill-Qorti li tapplika l-piena pekunjarja; għaliex dawk huma raġunijiet relattivi għall-ħati, u mhux għar-reat.*

B'sentenza tagħha tal-ewwel ta' Ġunju 1962, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imputat ħati talli saq truck u vetturi oħra waqt li l-liċenza tiegħu kienet sospiża in forza ta' sentenza tal-Qorti, u talli, konsegwenwentement, ma kienx kopert bis-siġurtà tat-terzi persuni skond il-liġi, u kkundannatu għall-piena tal-priġunerija għal żmien ħmistax il-ġurnata u għall-iskwalifika ulterjuri milli jkollu liċenza tas-sewqan għal żmien tnax il-xahar mill-jum tas-sentenza;

L-imputat appella limitatament għall-piena restrittiva tal-libertà personali, li hu talab li tiġi konvertita f'piena pekunjarja;

Trattat l-appell;

Din il-Qorti kkunsidrat;

L-appell hu limitat għall-piena restrittiva tal-libertà personali nflitta mill-Ewwel Qorti. L-appellant qiegħed jitlob li tiġi lilu applikata invece piena pekunjarja. Sabiex isostni dan l-appell, hekk limitat, l-appellant adduċa prinċipalment żewġ raġunijiet; waħda, dik li hu saq awto-vetturi fi żmien li l-liċenza tiegħu kienet sospiża mhux kapriċċjożament, imma peress li dak hu l-mestjer tiegħu u ċ-ċespiti tal-għajxien tiegħu u tal-familja tiegħu; u t-tieni, għax kundanna simili tista' tostruwieh fil-preparattivi li hu ġa għamel sabiex jemigra lejn l-Awstralja;

Ikkunsidrat;

Għandu jiġi immedjatament rilevat li l-liġi in materja — art. 19 tal-Kap. 105 kif emendat bl-Att XXVI tal-1956 — ma tagħtix lill-Qorti f'mod assolut diskrezzjoni bejn l-alternattiva tal-piena tal-priġunerija u dik tal-multa; imma din id-deskrezzjoni hi limitata, fis-sens li għandha, b'liġi, preskritta bħala l-piena applikabbli għall-każ dik tal-priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, u tista', invece, tagħti multa "biss" fil-każ delineat mill-liġi bil-kliem "or, if the Court thinks that, having regard to the special circumstances of the case, a fine would be adequate punishment for the offence, to a fine not exceeding one hundred pounds";

Mela l-Qorti trid issib dak li l-liġi ssejjaħ "special circumstances of the case"; u għalhekk għandu jiġi ndagat u fissat x'inhuma ġuridikament dawn is-"special circumstances of the case";

Din id-dispożizzjoni tal-liġi Maltija ġiet modellata fuq id-dispożizzjoni tal-art. 7(4) tar-Road Traffic Act, 1930, tal-Liġi Ingliża; u taħt din il-liġi ġie dejjem ritenut li ċirkustanza hi speċjali jekk tkun speċjali "għar-reat". u

mhux speċjali għall-imputat (ara Criminal Law Review, May 1961, p. 319, u partikularment in-nota ta' *komment* f'dik il-paġina). Hemm ċitata l-kawża Lines vs. Herson (1951) 2 K.B. 682, fejn ingħad:—"Such circumstances must *be special to the offence, and not to the offender*". Ġie wkoll ritenut li l-kliem "special circumstances" għandhom, f'dan il-kontest, l-istess sinifikat li għandhom il-kliem "special reasons" fl-art. 15(2) ta' dak l-Att ingliż, li huma ripetuti fl-art. 3 tal-Kap. 105 tal-Liġi Maltija;

Issa, dawk il-kliem ġew dejjem interpretati bħala li jfissru raġunijiet "special to the offence", u mhux "special to the offender" (App. Krim. "Pul. vs. Attard", 15 ta' Novembru 1958). U fil-kawża "Whitall vs. Kirby" (1946) 2 All Eng. Law Rep. 552 (ara Blake Cairn fit-test "Special Reasons") Lord Goddard kien osserva, u ġustament, illi meta dak li jsuq fi żmien li l-liċenza tiegħu tkun sospiża, ikun *driver* bi professjoni, allura din iċ-ċirkustanza, *li f'din* il-kawża qegħdha tiġi allegata in mitigazzjoni, hi anzi element ta' aggravju; għaliex id-driver bi professjoni jsuq aktar spiss, u kwindi jeħtieġ li l-publiku jkun aktar protett kontra tiegħu. Qal dak l-Imħallef:— 'The fact that drivers are professional drivers would, of itself, indicate that they are more likely to be habitually on the roads than people who drive themselves; so there is all the more reason for protecting the public against them";

Għalhekk, ċirkustanzi speċjali għar-reat f'dan il-każ ma hemmx, u ebda waħda minn dawk addotti mid-difiża ma hija tali; imma, se maj huma ċirkustanzi "special to the offender". Kwindi ma hemmx lok għall-applikazzjoni talalternattiva għall-piena tal-multa mingħajr sovversjoni tal-liġi;

Għandu jiġi wkoll rilevat illi l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, iddikjarat li kienet sejra tieħu in konsiderazzjoni fil-qies tal-piena l-fatt li s-sewqan kien ix-xogħol tal-appellant; kożikkè, proprjament l-appellant diġa' bbenefika minn mitigazzjoni li l-Ewwel Qorti lanqas kienet ġustifikata tikkonċedilu stante dak li ġie fuq espost;

Għandu jiġi wkoll osservat illi l-infrazzjoni ma kienetx ta' darba, imma kienet kontinwa, u r-reat għalhekk kontinwat. Il-fedina penali tal-imputat — fol. 3 u 4 tal-proċess

— turi wkoll li hu pjuttost insistentement refrattarju għar-regoli tas-sewqan u tat-traffiku;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, din il-Qorti ma tistgħax takkolji t-talba tal-imputat għall-konversjoni tal-piena tal-ħabs f'piena ta' flus; altrimenti tkun qegħdha tmur kontra prinċipju ndubitat ta' nterpretazzjoni tal-liġi u kontra l-istess liġi, u għalhekk din il-kwistjoni mhix proprjament kwistjoni ta' diskretiva tal-Qorti, imma waħda ta' liġi, fis-sens fuq spjegat;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.